

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

### IL-KUMMISSJONI EWROPEA

#### **Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.9318 — Colisée/Armonea)**

#### **Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

**(2019/C 111/14)**

- Fit-18 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Financière Colisée S.A.S. (“Colisée”, Franzja). Colisée hija kkontrollata minn Ingo International, kumpanija kkontrollata minn IK VIII Limited, fond operat minn IK Investment Partners,
- Armonea Group NV (“Armonea”, il-Belġju). Bħalissa Armonea hija kkontrollata minn Cofintra SA u Oaktree Invest NV permezz ta’ Stichting Administratiekantoor Armonea.

Colisée takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdieni ta’ Armonea.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta’ xiri ta’ ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Colisée: operatur Franċiż tal-kura, li jiġġestixxi djar tal-kura u jipprovd servizzi fid-dar.
- Armonea: operatur Belġjan tal-kura, li jiġġestixxi djar tal-kura, appartamenti tas-servizz, u residenzi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta’ ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(2)</sup> jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi spesifikata:

M.9318 — Colisée/Armonea

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---